MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2004

Numru. 667/2004

Il-Pulizija
(Spettur Jeffrey Cilia)
vs
Raymond Tabone
Alfred Bonello
Louis Sciriha
Stephen Catania
Francis Bianco

Illum 2 ta' Dicembru, 2004

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-pulizija kontra l-imputati fuq imsemmija Raymond Tabone, iben Joseph u Melita nee' Pullicino, imwieled Msida fit-30 ta' Novembru, 1956 u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 809156 (M); u Alfred

Bonello, iben Emanuel u Carmela nee' Brincat, imwieled il-Belt Valletta fl-10 ta' Jannar, 1949 u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 114749 (M) talli bejn il-15 ta' Lulju 2003 u id-29 ta' Settembru 2003, fl-Imsida, ikkommettew serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-persuna, bil-hin u bil-valur li jaccedi l-elf lira Maltin, ghad-detriment tal-kumpanija Golden Harvest Mfg. Co. Ltd;
U aktar talli matul l-istess zmien, hin, lok, u cirkostanzi xjentemnet laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat (flus kontanti), sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;
U aktar talli matul l-istess zmien, hin lok, u cirkostanzi, approprjaw ruhhom, billi dawwru bi profitt ghalihom jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor (flus kontanti) li giet fdata jew ikkunsinnata lilhom minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga, jew servizz taghhom, jew minhabba depozitu necessarju, that titolu illi jgib mieghu obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;
Kontra l-imputati fuq imsemmija Louis Sciriha, iben Domenic u Tereza nee' Vella, imwieled Haz-Zebbug fit-3 ta' April, 1961 u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 264861 (M); u Stephen Catania, iben Francis u Rose nee' Abela, imwieled Sliema fit-8 ta' April, 1969 u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 180869 (M); u Francis Bianco, iben Joseph u Angela nee' Micallef, imwieled Pieta' fit-22 ta' Awissu, 1964 u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 426764 (M) talli bejn il-15 ta' Lulju 2003 u 29 ta' Settembru 2003, fl-Imsida, ikkommettew serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kwalifikat bil-persuna, bil-hin, u bil-valur li ma jaccedix l-elf lira Maltin ghad-detriment tal-kumpanija Golden Harvest Mfg. Co. Ltd.
Semghet lill-imputati, debitament, assistiti jirregistraw ammissjoni tal-akkuzi kollha.
Il-Qorti wissiethom bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u tathom zmien xieraq sabiex jikkonsidraw il-posizzjoni taghhom.
Il-kawza giet postposta.
Meta regghet issejhet il-kawza, l-imputati, debitament assistiti, tennew illi riedu jirregistraw din l-ammissjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, fuq ammissjoni,issib lill-imputati fuq imsemmija hatja tal-akkuzi kollha, hlief ghall-akkuza ta' misapproprjazzjoni u dik ta' ricettazzjoni, u dana peress illi una volta gie ippruvat ir-reat ta' serq, dan ir-reat jeskludi r-reati ta' misapproprjazzjoni u ta' ricettazzjoni illi inghataw bhala reati alternattivi, jekk ma jkunx ippruvat ir-reat ta' serq.
Rat l-Artikoli 390, 392, 392 A, 261 (c), 261 (f), 261 (d), 267, 268, 270, 279 (a), 279 (b), 280, 17 u 31 tal-Kap. 9.
Ikkunsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi l-imputati ikkoperaw mieghu matul l-investigazzjoni, il-fatt illi irrestitwew il-flus misruqa u l-fatt illi l-parte civile hafrilhom ta' dak illi ghamlu, kif ukoll il-fatt li ghandhom fedina penali netta jew relattivament netta.
Ghaldaqstant, fil-kaz tal-imputati Raymond Tabone u Alfred Bonello, il-Qorti wara li rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tikkundannhom prigunerija ta' tmintax-il xahar sospiza ghal sentejn millum.
Fil-kaz ta' l-imputati Louis Sciriha, Stephen Catania u Francis Bianco, il-Qorti, wara li rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberhom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn millum.
Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi fehmet lill-hatja bi kliem car bil-konsegwenzi skond il-ligi ta' dawn il-pieni.
Finalment il-Qorti rat l-artikolu 392 A (2) tal-Kap.9 u tordna illi l-atti, flimkien ma kopja tas-sentenza, jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------